

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Novembru 2012

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea b'konformità mal-punt 26 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda

(2013/108/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja soda ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-punt 26 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jstabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Unjoni Ewropea ħolqot Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (il-"Fond") biex tesprimi s-solidarjetà tagħha mal-popolazzjoni ta' reġjuni milquta minn katastrofi.
- (2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-Fond sal-limitu massimu annwali ta' EUR 1 biljun.
- (3) Ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002 fih id-dispożizzjonijiet li jippermettu l-mobilizzazzjoni tal-Fond.

- (4) L-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, fir-rigward ta' diżastru kkawżat minn sensiela ta' terremoti fl-Italja.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fil-qafas tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea stabbilit għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 670 192 359 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

M. SCHULZ

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

⁽¹⁾ ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.